**Sejħa għal Promotur tal-Litteriżmu u r-Riċerka Full-Time, mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu**
**Numru tal-Permess tal-Jobsplus: 613/2022 (it-tielet sejħa)**

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qiegħda tilqa' applikazzjonijiet għal Promotur tal-Litteriżmu u r-Riċerka Full-Time, b'kuntratt indefinit, għall-programmi tal-litteriżmu għall-gost waqt u wara l-ħin tal-iskola.

L-applikanti għandhom jissodisfaw dawn il-kriterji ta' eliġibilità sad-data tal-għeluq:

1. Baċellerat rikonoxxut fil-Livell 6 tal-MQF, jew ogħla, fil-Malti u/jew fl-Ingliż, jew fis-Snin Bikrin, jew kwalifika universitarja rikonoxxuta ta' għalliem/a ta' Livell 6 tal-MQF, jew ogħla, fl-Edukazzjoni Primarja jew fil-Lingwi; **U**
2. Minimu ta' tliet (3) snin skolastiċi sħaħ ta' esperjenza relevanti fl-edukazzjoni, preferibbilment bħala għalliem; **U**
3. L-applikanti għandhom juru li għandhom għarfien u esperjenza fil-qasam tal-litteriżmu. Preferibbilment, ikollhom ċertifikati li jikkonfermaw taħriġ fil-litteriżmu u/jew l-edukazzjoni fil-lingwi u/jew oqsma oħra relatati mal-edukazzjoni tat-tfal tal-primarja; **U**
4. Ċertifikat tal-ECDL jew kwalifika oħra rikonoxxuta u komparabbli; **U**
5. Ħakma tajba tal-Ingliż u l-Malti, evidenzjat tal-anqas b'ċertifikazzjoni fil-Livell 3 tal-MQF (ĊES Gradi 1-5).

Il-kwalifiċi u l-esperjenza għandhom ikunu msieħba b'ċertifikati u/jew testimonjanzi. Kopji ta' dawn għandhom jintehmżu mal-applikazzjoni. Kopji elettroniċi huma aċċettabbli. Iċ-ċertifikati u/jew it-testimonjanzi oriġinali għandhom jiġu ppreżentati għall-verifikazzjoni waqt l-intervista.

**Għal deskrizzjoni dettaljata tal-irwol u informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-impjieg, ara www.education.gov.mt/nla jew ibgħat ittra elettronika lil nlarecruitment@ilearn.edu.mt jew ċempel fuq 2598 3325.**

Il-kandidati għandhom jibagħtu l-ittra tal-applikazzjoni flimkien mal-ġabra tal-kwalifiki u l-esperjenzi fil-format tal-European Curriculum Vitae, kopja taċ-ċertifikati relevanti tagħhom, ċertifikat tal-kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija u l-lista tax-xogħol li għamlu tul ħajjithom mill-Jobsplus, permezz ta' ittra elettronika lil nlarecruitment@ilearn.edu.mt jew bil-posta lil Reklutaġġ, L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, Iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu, Triq Ġużè Abela Scolaro, il-Ħamrun HMR 1304 sa mhux aktar tard **mill-Ħamis 9 ta' Frar 2023, f'nofsinhar**.

Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati u kmieni biżżejjed biex jaslu qabel id-data tal-għeluq. L-applikanti jiġu mgħarrfa li tkun waslet l-applikazzjoni fi żmien sebat ijiem. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

**Call for full-time Literacy Resource and Research Leader within the National Literacy Agency**
**Jobsplus Permit Number: 613/2022 (third call)**

The National Literacy Agency is seeking to recruit a full-time Literacy Resource and Research Leader on an indefinite contract, for its literacy for pleasure programmes, during and after school hours.

Applicants must fulfil the following eligibility criteria by the closing date:

1. A recognised degree at MQF Level 6 or higher in Maltese and/or English, or in the Early Years, or a teaching degree at MQF Level 6 or higher in Primary Education or Language Education.
2. At least three scholastic years relevant work experience in education, preferably as a teacher.
3. Applicants must show that they have knowledge and experience in the area of literacy. Preferably, they would be in possession of certification confirming training in literacy and/or language education and/or other areas related to the education of primary aged children.
4. ECDL certificate or a recognised appropriate comparable qualification.
5. Good command of the English and Maltese languages, evidenced by at least SEC level (Grade 1-5).

Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

**For a detailed job description, including conditions of employment, please check on www.education.gov.mt/nla or send an email to nlarecruitment@ilearn.edu.mt or call 2598 3325.**

Candidates should submit their letter of application, together with a summary of qualifications and experience in a European Curriculum Vitae Format, a copy of their relevant scanned certificates, a valid police conduct certificate and their Jobsplus employment history, by email to nlarecruitment@ilearn.edu.mt or by registered post to Recruitment, National Literacy Agency, NCC, Joseph Abela Scolaro Street, Ħamrun HMR 1304 by not later than **Thursday 9th February 2023 at noon**.

Applications by post should be sent by registered mail, allowing sufficient time to ensure delivery by the above deadline. Applications will be acknowledged within seven days. Late applications will not be considered.